TRIBUNAL GHAL TALBIET
TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS
TRIBUNAL

MALTA

Avviż Numru CCT 94/11

**Ruth Zahra**
**vs**
**Mile End Services Ltd.**

Illum 30 t'Awwissu, 2012

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fit-22 ta' Frar, 2011 fejn ir-rikorrenti talbet rifużjoni ta' tliet mija, erbgħa u tmenin ewro, u wieħed u erbgħin ċenteżmi (€384.41), rappreżentanti spejjeż ta' ħsarat fil-karozza li xorta baqgħet bil-ħsara.

L-intimat ma ppreżentax risposta bil-miktub għal din it-talba u lanqas attenda għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li hija l-istess rikorrenti, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottomettiet bil-miktub illi kienet waqfet il-karozza tagħha u ċemplet lil tal-MET *towing services* illi ħaduha l-garaxx tagħhom Mile-End Services Ltd sabiex jirranġawha. Minkejja li ħaditha u ħallsithom, il-vettura xorta baqgħet bil-ħsara u kellha teħodha għand mekkanik ieħor u rriżulta li kellha tħallas tliet mija, erbgħa u tmenin ewro, u wieħed u erbgħin ċenteżmi (€384.41), li jirrappreżentaw erbgħa u tmenin ewro, u wieħed u erbgħin ċenteżmi (84.41) għall-parts li bidlu l-Mile End Garage u mitejn ewro (€200) għal *alternator* ġdid, u mitt ewro (€100) għal *radiator* ġdid.

**It-Tribunal jinnota illi:**

It-Tribunal, jinnota illi l-intimat, debitament notifikat kemm bl-Avviż tat-Talba kif ukoll bid-data u l-ħin tas-smiegħ, u msejjaħ tliet darbiet, baqa' ma deherx għas-seduta u għalhekk ma kkontestax it-talba.

Kif ukoll it-Tribunal jinnota li sal-ħin tas-seduta, l-intimat kien għadu ma bagħatx risposta bil-miktub.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, b'ekwita' jiddeċiedi li għandu jilqa' t-talba tar-rikorrenti in parte, u jordna lis-soċjeta' intimata tħallas l-ammont ta' mitejn ewro (€200), bl-ispejjeż kontra l-istess soċjeta' intimata.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 – MALTA
TELEPHONE. (+356) 21227070 FAX (+356) 21239888